MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Numru 464/2006

Il-Pulizija
(Spettur Romona Veneziani)

vs

Jason Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Jason Cutajar detentur ta' karta ta' identita' numru 146285M, akkuzat talli:

Nhar it-3 ta' Mejju 2006 u matul il-gimghat ta' qabel, f'dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat (licenzja tat-triq ta' karozza) u dan ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 dwar Vetturi bil-mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15(1)b tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess zmien u cirkostanzi f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrittura wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artikoli 183 u ta' l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer saq vettura numru HAW 943 mhux licenzjata mill-Awtorita' tat-Transport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata qeghdha l-Qorti ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti: Rat l-Artikolu 183, 184, 189 u 17 tal-Kap 9, l-Artikoli 17 u 31 tal-Avviz Legali 128/1994, l-Artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65. Fil-konfront tal-ewwel u t-tieni akkuza tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum. Fir-rigward it-tielet tikkundannah multa ta' Lm1000 li qeghdha tippermetti lill-imputat li jhallasha b'pagamenti mensili, konsekuttivi u ininterotti ta' Lm30 fix-xahar, l-ewwel pagament isir fl-ahhar ta' Novembru, 2006.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------